# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 429/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Brincat**

**Illum, 30 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Roderick Brincat** detenur tal-karta tal-identita Maltija **42683M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Lulju 2020 ghall-habta ta' 22:00hrs u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel, gewwa Triq San Anton, Birgu:

1. Bla hsieb li tisraq jew li tagħmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt, bl-awtorità tieghek nnifsek, lil Matthew Dimech ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil Matthew Dimech fil- pussess ta' hwejgujew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahalt fi hwejjeg haddiehor.

2. Illi fi-istess data, hin u cirkostanzi, serqu fliexken tax-xorb li l-valur taghhom jeccedi l- elfejn, tlett mija u disa u ghoxrin Euro u seba u tletin centezmu (€2,329.37) minn gewwa l-fond 50, Triq San Anton, Vittoriosa u dan bi hsara lil Matthew Dimech ID: 206384M.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali ta’ 10 ta’ Ottubru 2023, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 85(1), 261(c)(1), 267, 270, 279(b), 281(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Roderick Brincat mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni izda hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontrih minghajr htija dwar l-aggravju tal-valur, u tikkundannah prigunerija ghal tmien (8) xhur li bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta tissospendi l-piena ghal zmien sentejn mill-illum.

L-Ewwel Qorti spjegat u fehmet lill imputat bi kliem car l-konsegwenzi u r-responsabilita tieghu fir-rigward tas-sentenza sospiza.

Filwaqt li sabet lil Diandra Dimech hatja ta' l-ewwel imputazzjoni izda mhux hatja dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontriha u qed tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur skont l-artikolu 22(1) tal-Kap 446 kif ukoll li wara li rat l-artikolu 377(5) tal-Kodici Kriminali fi zmien xhar ghandha tqieghed il-fliexken lura u taghti access lill-Matthew Dimech ghal-lukanda.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Roderick Brincat**, preżentat fir-reġistru ta’ din l-Onorabbli Qorti nhar fit 26 ta’ Ottubru, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

1. **TIKKONFERMAHA** fil-parti tas-sentenza fejn ma sabitiex htija tal-ewwel imputazzjoni;

2. **THASSARHA U TIRREVOKAHA** f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu hati tat-tieni mputazzjoni, u konsegwentement TIDDIKJARAH mhux hati tagghha u b'hekk u b’hekk **TILLIBERAH** minn kull imputazzjoni, htija u piena;

3. Alternattivament, u sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellate fil-parti tal-piena nflitta u dan billi minflok timpani piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**A. Principji Generali**

Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l--Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma għandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tiegħu, filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi u del resto, anke' jgħallmuna l-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l- każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe beyond reasonable doubt, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"*Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit.*"

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha. u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li tipprova l-Prosekuzzjoni. trid

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u fkaż li jkun hemm xi dubju raġonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl- umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

**<u>B. Apprezzament Zbaljat tal-Provi u tal-Ligi Applikabbli</u>**

Illi jigi rilevat illi l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett, ghamlet apprezzament totalment zbaljat kemm tal-provi migjuba quddiemha u kemm tal-ligi applikabbli. Fl-umli fehma tal-appellanti, mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, minn imkien ma seta qatt jirrizulta li l-appellanta rrendiet ruhha hati tar-reat ta' serq u dan peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-elementi kollha li jsawwru r-reat ta' serq, kif titlob il-ligi taghhna. Dawn l-elementi jridu jigu pruvati **<u>kollha kemm huma</u>** kif ddikjarat l-Ewwel Onorabbli Qorti stess fil-konsiderazzjonijiet moghtija minnha fis-sentenza: '*Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata*

*mill-Carrara li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil- hsieb li jagħmel il-qliegh mir-res furtiva. Infatti skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' hames elementi* ***li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati*** *(enfazi tal-appellant). Dawn l-elementi huma: 1. The contrectatio of the thing; 2. Belonging to others; 3. Made fraudulently; 4. Without the consent of the owner, 5. Animo lucrandi.'*

Illi minkejja illi l-Ewwel Qorti ghamlet din id-dikjarazzjoni, u minkejja illi l-elementi tas-serq ma gewx kollha ippruvati fil-kaz odjern, u dan kif ser jigi spjegat f'aktar dettal aktar l-isfel f'dan l-aggravju, l-Qorti xorta waslet biex sabet htija l-appellant.

*Di piu*, l-Ewwel Qorti, minkejja li kif citat ad verbatim aktar 'il fuq, iddikjarat li gharblet il-provi mressqa quddiemha, u anke ghamlet referenza ghal Cararra, ghal gurisprudenza nostrana u anke ghal l-elementi tar-reat ta' serq, umbghad naqset milli tispjega kif dawn l-elementi jinkwadraw ruhhom f'dak li ghamel l-appellant u allura fi kliem iehor l-Ewwel Qorti naqset milli tispjega x'wassalha li ssib lil appellant hati ta' dan ir-reat. Filfatt tghid biss hekk: '*Minn naha l-ohra ghal dak li jirrigwardja lill-Roderick Brincat l-elementi tar- ragion fattasi ma jghoddux ghalih ghaliex fil-kaz tieghu il-mens rea tieghu kienet li jiehu dawk il-fliexken minn gewwa l-lukanda li ma kienitx tieghu izda ta' haddickor u dan minghajr awtorizzazzjoni...... Ghaldaqstant wara li l-Qorti gharblelik provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal- prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza talpgrad prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekazzjoni rmexxiliha tipyrova il-kaz tagħha sal-grad rikjest fproceduri penali fir-rigteard is-sery minghajr l-aggravju tal-valur ghar-riguard Roderick Brincat u r-ragion fattasi ghar-rigward Diandra Dimech.'*

IIIi allura, fi kliem l-Ewwel Onorabbli Qorti stess, I-unika prova hija dik li l-appellant, kif del resto ammetta hu stess fix-xhieda tieghu, ha dawn il-flixkien, fl-aghar ipotezi, mingħajr ma talab l-awtorizazzjoni ta' Matthew Dimech ir-ragel tas-siehba tieghu; pero apparti dawn, l-elementi l-ohra tar-reat minn imkien ma rrizultaw. Minn imkien ma rrizulta illi l-appellant ghamel qliegh, kif ukoll minn imnkien ma rrizulta illi l-

appellant ħa dawn il-flixken bl-intenzjoni ta' frodi. Allura jsegwi li la darba hemm elementi li ma gewx pruvati, l-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib htija l-appellant. Kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, irrizulta car illi l-intenzjoni tal-appellant kienet biss li jaghmel pjacir lis-siehba tieghu u jcaqlaq dawn il-flixken sabiex ma ssirilhomx hsara. Come di fatti, il-flixken, li kienu tpoggew ghand omm Diandra Dimech, ittiehdu lura posthom il-lukanda, u certament illi l-appellanti fl-ebda hin ma ghamel qliegh jew kellu l-intenzjoni li jagħmel qliegh. Filfatt ix-xhieda tieghu a Fol 137 jghid hekk: '*bilfors kellna nagħmlu dax-xoghol u GARREJNA dal flixken biex ma jinsteraq ebda flixkun ghax bdew jigu certa nies, jien ma nafx naghmel kollox, hux, hi qaltli ghini u ghinta, biex l-affarijiet naghmluh fis-sikur u nergghu naghmluhom f'posthom hux.*' Filfatt, dawn il-flixken qatt ma kienu fil-pussess tal-appellant.

Illi bid-dovut rispett, dak li xehed l-appellant senjatament dwar l-intenzjoni tieghu, li kienet sempliciment li jghin lis-siehba tieghu ccaqlaq il-flixken umbghad jehduhom lura posthom, bl-ebda mod ma gie kontradett mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni - fatt illi l-Ewwel Qorti skartat totalment.

Kemm hu vera, l-prosekuzzjoni, wara li kellmet lil Diandra l-istess siehba tal-appellanti li spjegat lil Pulizija li l-intenzjoni taghha kienet biss li tevita milli ssir hsara fuq dawn il-flixken minhabba l-ingress tal-ilma, lanqas biss kienet ser tiehu passi, u kien biss wara l-kwerela da parti tal-avukat tal-parti leza, u l-insistenza tieghu, li ddecidiet li tohrog l-akkuzi fil-konfront tal-appellanti u s-siehba tieghu. Fatt li gie kkonfermat ukoll PS 1576 Simon Grech (Fol 62 et seq), li meta mar fuq il-post ossia fil-boutique hotel, seta jara l-flixken posthom gol bir:

*Prosekuzzjoni: Kont mort fuq il-post. U x'hin mort fuq il-post x'xibt?*

*PS1576: Meta mort fuq il-post pero, jien kont mort kien ghadda xi zmien, GHAX IL-FLIXKEN* ***ICCAQALQU MILL-POST, UMBGHAD REGGHU MARRU.***

Huwa wkoll fatt interessanti, illi fix-xhieda tieghu dan l-Pulizija juza kliem Viccaqalqu' b'referenza ghal nis illi dan il-Puliziaja, huwa wiched li ha r-rapport baqa fisken i kliem lehrghada serq, u li allura jidher li jemmen aktar dak li stqarret mieghu Diandra, li huma kienu caqalqu l-flixken saberq ma ssirilhomx hsara jew jigu misruqa, milli dak li rrapuratlu l-parti leza u cioe s-serq tal-flixken.

**<u>Piena Erogata</u>**

Illi l-esponent, minghajr pregudizzju ghas-suespost, umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu, u cioe dik ta' sentenza sospiza, hija wahda eccessivi fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, specjalment meta wiched jikkonsidra, li dato ma non concesso illi l-appellant huwa hati ta' serq, I-parti leza ma soffra l-ebda dannu, stante illi l-flixken kollha gew ritornati lilu fl-istat li kienu qabel.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>II-Pulizija vs Anton Vassallo</u>** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan 1-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. II-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jagħmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta' ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta permezz ta'*

*servizz fil-komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi inoltre fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Abela** deciza mill-Imhallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Frar tas-sena 2018 intqal hekk:

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapilu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appelt Kriminali fit-tnejn u ghexrin (22) ta Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta, izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz tagħha, tifel ta'kondotta sa issu tajba, u li diga, bil-fatti, wera; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jichu lezzjonijiet fid-delinkwenza... tara illi huwa opportun illi inchhi 1- impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius,** il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-darol tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht 1-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l- paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta prigunerija għandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'għandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija* ***(ta' Anthony Wood****) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq*

*l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha ikun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).*

*9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impalt fuq is-socjeta, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill- pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix faktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza uljew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jero ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant:***

***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Illi inoltre esponent jagħmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979), ta David Thomas, fejn intqal illi:

> *"The probation order is clearly the most important individualized measure ansion in to a sentence. It is this cloudy the most important as the discige chapter one illustrates, limited to any one group of offendists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)*

Illi inoltre, qieghda ssir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrat (Malta), ta' nhar helgisi referenza ghad-decizion 2014, il-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Urry**, f'liema decizjoni l-Qorti tenniet:

*F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga jigi kundannat ghal piendi karcerarja ohra fuq reati li nhix kontanti sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi, sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu. [...]*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz Hatherly, din il-Qorti lesta li tiehu r-riskju u li minflok terga tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqegħdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barra l-konfini tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin, fejn donnu ma kien tghallem xejn [...].*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 t''Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk Maalem Et, Qorti ddikjarat illi**: '*Il-gustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

A. *Retributtiv;*
B. *Preventiv:;*
C. *Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

***L-aspett retributtiv*** *tal-piena huwa, skont il-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali ghal kif kienet qabel ma sehhet il-hsara lis-socjeta bil-kommissjoni tar-reat. U s-socjeta tezīgi li l-hati jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.*

***L-aspett preventiv*** *tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohloq f'mohh is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minhabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il-konsegwenzi l'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz.*

*L-aspett preventiv ghalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-ichor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, is- socjeta tigi kemm jista' jkun imrazna milli tikkommetti reati minhabba 1-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerga jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-Ligi. Jekk is-socjetatitlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill- membri tas-socjeta milli jiddezistu ghax jekk jiddelinkwu minghajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall- membri fi hdan socjeta li jiddelinkou. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita'. Is- socjeta allura tehtieg li l-piena jkollha aspett preventio li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall- ezistenza pacifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm* ***l-aspett riedukattiv*** *u* ***rijabilitattiv*** *tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija specifika tal-hati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, dagskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghas-socjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-ragunijiet u l- kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu*

*mill- gidid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas- socjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan l- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb l-imgieba tieghu b'mod li għalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-socjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu u jghix dicenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti ịtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm ghandha effikacja repressiva.;'*

F'dan l-istadju l-appellant jagħmel referenza ghal diversi sentenzi fejn anke persuni li kienu <u>recidivi</u> wkoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' piena ridotta, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhom gew akkuzati.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' <u>**Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**</u>, <u>deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008)</u> il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla:

> '*Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli, **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn*

*l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali,* ***u ghalhekk l- imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat*** *oltre li Hermina b'success il-programm residenzjali* ***ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.'***

Fis-sentenza, **<u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>**, <u>deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008</u>, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

*'Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jero li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl- ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il- bqija talkundanni, pero', jinvolvu multi u habs..."Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija*

*l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta-anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil- hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'***

Inoltre, anke meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi l-fedina penali tar-rikorrenti appellant, ghalkhemm mhux wahda netta, mhux wahda allarmanti, aktar u aktar johrog car illi 1-piena mposta mill-Ewwel Qorti hija wahda irragonevoli u sproporzjonata. L-Ewwel Onorabbli Qorti, minkejja li accennat ghal dan il-fatt, jidher umbghad li naqqset milli tapplikah meta giet biex tikkalibra l-piena erogata kontra l-appellant.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ntavolata fir-registru ta′ din il-Qorti nhar l-4 ta′ Marzu, 2024.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi jirrizulta li **<u>l-ewwel aggravju</u>** tal-appellant jirrigwardja l-apprezzament hazin tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti. L-appellant ukoll ghamel referenza ghall-Principji Generali fosthom dwar l-oneru tal-prova u l-livell tal-prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser tkun qed tidhol fuq dan kollu iktar l-isfel.

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista′ ma

taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[1] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[2]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**<u>Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.</u>** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>**:[3] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[4] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [5] jghid:

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[4] 1997 Edition Para 10-3.
[5] 1952.

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[6]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[7] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[8] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa x-xhieda u l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

---

[7] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[8] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

**PS 1576 S. Grech**[9] xehed permezz t'affidavit fejn qal li nhar id-29 ta' Lulju, 2020 ghal habta ta' 5.30pm Matthew Dimech irraporta gewwa l-ghassa Bormla fejn ipprezenta kwerela ta' serq aggravat sabiex jittiehdu passi l-Qorti kontra martu Diandra Dimech u s-sieheb taghha Roderdick Brincat fejn nhar it-23 ta' Lulju, 2020 ghal habta ta' 22.00 hrs mill-lukanda propjeta' taghhom it-tnejn bl-isem 50th Boutique Ta' Triq San Anton Birgu, serqu tletin (30) flixkun tax-xorb edizzjoni limitata propjeta' tieghu li jammontaw ghat-total ta' €9,000. Il-kwerelant kien qallu li kien qieghed jara filmat mis-CCTV li ghandu nstallata fl-imsemmija lukanda fejn ra lil koppja jiehdu l-imsemmi xorb. Nhar it-30 ta' Lulju 2020 kien kellem lil Diandra Dimech fejn qaltlu li kienet tkellmet mal-avukat taghha u stqarret illi l-imsemmi xorb kienu haduh id-dar taghha sa kemm jitlesta x-xoghol ta' manutenzjoni fl-imsemmija lukanda u dan sabiex jigi evitat li ssir hsara fuqhom jew jigu nieqsa u kif jitlesta x-xoghol jergghu jirritornawhom fil-post li kienu. Kien kellem ukoll lil Roderick Brincat fejn stqarr li kien kellem lil istess avukat tas-siehba tieghu u stqarr mal-pulizija li l-imsemmija fliexken gew mehuda fir-residenza tas-siehba tieghu sabiex jigi evitat li ssir hsara fuqhom. Hu kien kellem lill-avukat ta' Matthew Dimech u nfurmah li stante li dan tal-ahhar ma kienx ipprezenta prova cara li l-imsemmija oggetti kienu esklussivament tieghu u l-oggetti kienu go post propjeta' taz-zewg partijiet, il-pulizija ma kienitx ser takkuza lill-koppja fuq serq u jekk Dimech jibqa' bix-xewqa li jidhol il-Qorti huwa kellu jipprezenta kwerela bil-miktub ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap. 9. Nhar l-4 t' Awwissu, 2020 Dimech forna lill-pulizija diversi ricevuti ta' xorb datati bejn is-sena 2009 u s-sena 2013 fejn bihom kien informa lill-Ispettur E. Hayman u ghaddilu kopja tal-kwerela. Nhar it-18 t' Awwissu, 2020 Diandra Dimech irrapurtat l-ghassa ta' Bormla fejn infurmat lill-pulizija li l-imsemmi xorb rega' gie mpoggi lura f'postu wara li x-xoghol li kellu jsir kien tlesta. Hu kien mar fuq il-post fejn kien ra bir mghotti bl-injam u minn fuq setgha jigi nnutat li fil-qiegh tal-bir kien hemm xi flixken kbar tax-xorb. Dimech ipproduciet ukoll ritratt tal-bir b'diversi flixken tax-xorb, qabel l-imsemmi bir gie mghaluq bl-injam. Diandra kienet talbitu sabiex il-pulizija toffri lil Matthew Dimech nofs ix-xorb u dan sabiex jigi salvat hafna hela ta' hin il-Qorti, izda dan tal-ahhar ried jidhol il-Qorti xorta wahda.

[9] Fol. 14 et seq tal-process.

**PS 1576 Simon Grech**[10] xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar l-24 ta' Gunju, 2021 fejn ikkonferma li l-NPS Report kien maghmul minnu. Hu kkonferma li kien acceda fuq il-post fejn allegatament kien sar ir-reat. Hu spjega li kien ghadda z-zmien meta hu kien mar ghax il-fliexken kienu ccaqalqu mill-post imbghad regghu marru. Jghid li kien ghadda madwar xahar. Qal li Dimech kien qallu li kienu nsterqu madwar tletin (30) flixkun. Meta hu mar fuq il-post huwa ma ghoddhomx ghax kien hemm madwar sular gholi izda qal li kien hemm diversi fliexken. Ikkonferma li hu ra l-fliexken u telaq 'l hemm. Spjega li Matthew Dimech kien tah l-ircevuti tal-fliexken u dawn kienu sular l-isfel u ma kellux access ghalihom izda seta' jarahom minn fuq izda ma setax iqabbilhom. Zied jghid li l-ircevuti ma kellhom l-ebda serial number lanqas u ghalhekk anke kieku kienu qeghdin hdejh, qatt ma seta' jkun cert li kienu l-istess fliexken. Mistoqsi jekk fuq l-ircevuti kienx hemm l-ismijiet, hu wiegeb fl-affermattiv izda qal li ma kienux kollha u cioe' li kien hemm xi ricevuti neqsin. Mistoqsi ghaliex ma ghamilx l-ezercizzju fejn ikkumpara u ra jekk hemmx fliexken neqsin mill-lista hu spjega li x-xorb kien madwar sular gholi u kellu jara minn bejn l-injam u allura ma kellux access ghalihom il-fliexken u ma setax iqabbel. Kieku qabbel, hu rega' tenna li r-ricevuti ma kellhomx serial number u qed jassumi li lanqas il-fliexken ma kienx jafx ghandhomx u anke kieku kellhom ma setax iqabbel. Kompla sabiex jispjega illi l-fliexken kienu go bir zghir fond qisu sular minghajr ilma. Il-bir mghotti bl-ghatu li ghandu qisu xquq ta' madwar 1cm u l-fliexken hu seta' jarahom minn dawn ix-xquq. Mistoqsi fejn kien dan il-bir, huwa qal li kien fl-ewwel kamra kbira li fiha l-lukanda, mhux go casing displayed izda kienu stivati puliti.

**<u>Matthew Dimech</u>**[11] xehed nhar it-18 ta' Mejju, 2021 u spjega li kein ghamel rapport dwar kollezzjoni tax-xorb tieghu li kienu gew misruqa mill-propjeta' tieghu li tinsab fl-indirizz 50, Triq San Anton, Vittoriosa. Qal li din il-kollezzjoni kienet tikkonsisti fi tletin (30) flixkun tal-whiskey kollha ta' tlett (3) litri u four point five imhalltin bhala kollezzjoni li kien ilu jikkollektja minn qabel iz-zwieg. Kompla jghid li l-lukanda kienet maghluqa ghal kwazi sena shiha u cioe' minn Jannar sa Novembru kienet

[10] Fol. 62 et seq tal-process.
[11] Fol. 29 et seq tal-process.

maghluqa ghall-klijenti. Dak iz-zmien hu u l-mara tieghu kienu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni. Spjega li kellu access ghas-CCTV cameras tal-lukanda u billi ma kienitx qed topera kien imur biss qisu darba fil-gimgha jiccekja l-affarijiet. Darba minnhom innota li CCTV ma kienitx qed tahdem sew  u mar jiccekja l-lukanda fejn sab id-data wires maqtughin u l-power supply ghadu mixghul. Jghid li telghetlu alert fuq il-camera u dan kien f' Lulju tas-sena 2020. Spjega illi l-kollezzjoni tieghu li qabel kienu fil-lukanda kienu go hanut tieghu, kienu jigu mizmuma taht l-art fil-lukanda stess u li tkun tista' taccessahom bis-sellum biss. Meta telghetlu l-alert huwa ra lil Brincat u lil Diandra Dimech itellghu l-kollezzjoni, jitfawhom go garbage bags suwed, jaghlquhom b'tape u hargu mill-propjeta' bihom wara it-tmienja ta' filghaxija. Kif ra dan kollu hu ghamel rapport gewwa l-ghassa ta' Bormla. Qal li Brincat jigi l-partner tal-mara tieghu. Mistoqsi jekk dawn il-flixken kienux gew ritornati, hu wiegeb fin-negattiv u li kein ghadu ma jaf xejn. Hu jghid li l-ahhar li kien rahom meta kellu access qabel biddlu s-serratura tal-propjeta'. Spjega li kien ilu jikkollezzjona dawn il-fliexken sa min  meta kellu tmitax (18) -il sena. Qal li tal-fliexken li nsterqulu mill-lukanda hemm disat elef euro (€9,000) u pprezenta stima. Huwa prezenta ritratt kif kienet il-kollezzjoni tieghu qabel iz-zwieg go hanut tieghu. Dan ir-ritratt qal li kien gabu minn *Trip Advisor* u li kien datat 2014. Huwa pprezenta l-filmat tal-kameras u lista tax-xorb li kienu nsterqulu. Ikkonferma li x-xorb kien xtrahom kollha hu u prezenta tlett (3) invoices, tnejn datati 2009 u ohra 2012.

**L-Ispettur Eman Hayman**[12] xehed nhar il-11 ta' Novembru, 2021 fejn qal li Matthew u Diandra Dimech kellhom diversi assi bejniethom u kien hemm xi rapporti ta' *pretended rights*. Muri r-rapport li jirrigwarda l-mertu ta' dawn il-proceduri huwa qal li jaf bih. Hu gharaf lill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti.

**L-Ispettur Clayton Camilleri**[13] xehed nhar l-10 ta' Marzu, 2022 fejn ipprezenta c-certifikati tat-twelid ta' Roderick Brincat u Diandra Dimech, flimkien mal-fedina penali taghhom.

[12] A fol. 85 et seq tal-process.
[13] A fol. 100 et seq tal-process.

**Roderick Brincat**[14] xehed nhar l-24 ta' Jannar, 2023 fejn qal li Diandra hija t-tfajla tieghu u li flimkien kellhom tarbija. Hu jghid li jahdem fil-bini imma kien ilu tlett snin jghin lil Diandra fil-Boutique Hotel. Jghid li saret kwerela kontrih u kontra Diandra dwar xi xorb li issa rega' nstab fil-post fejn kien. Hu spjega li kienu garrew il-flixken sabiex ma jinsteraq xejn. Diandra kienet qaltlu sabiex jghinha u hu hekk ghamel sabiex l-affarijiet jaghmluhom fis-sikur u jergghu jaghmluhom f'posthom. Jghid li dawn kienu fliexken tax-xorb. Hu kien offra sabiex juri lil Matthew Dimech ix-xorb meta darba kien il-lukanza izda hu qalilhom li kienet gahddeja kawza fuqhom dawk. Jghid li hu ha l-permess minghand id-direttura tal-hotel sabiex iressaq ix-xorb. Jghid li x-xorb Diandra kienet hadithom ghand ommha u ma poggewhomx go kamra ohra ghax kien hemm in-nies fil-kmamar. Spjega li kien wiehed Indjan li jahdem ma missier Diandra li nizel ghax-xorb. Hu jghid li caqlaq il-cameras fuq ordni ta' Diandra. Jghid li huma rritornaw ix-xorb qisu wara hmistax (15) -il gurnata.

**Diandra Dimech**[15] xehedet nhar l-24 ta' Jannar, 2023 fejn ikkonfermat illi hi u Matthew Dimech kienu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni u li x-xorb mertu ta' dawn il-proceduri kienu taghhom it-tnejn.

**Ikkunsidrat,**

L-appellant jikkontendi illi l-elementi mehtiega skont il-ligi sabiex jisussisti r-reat tas-serq ma jezistux fil-konfront tieghu. Illi il-legislatur jonqos milli jiddefinixxi r-reat ta' serq u ghalhekk jehtieg illi ssir referenza ghad-duttrina tal–Qrati taghna skond id-definizzjoni ta' dan ir-reat moghtija minn diversi guristi legali. F' diversi decizjonijiet, fosthom fil-Programma Speciale vol IV para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tanti** (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944, kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs**

[14] Fol. 134 et seq tal-process.
[15] Fol. 150 et seq tal-process.

**<u>Michael Daniel Xuereb</u>'**[16], il-Qorti taghmel referenza ghal Carrara fejn huwa **<u>"jghallem illi s-serq huwa "la contrattazzione doloza di cosa altrui fatta invito domine con l' animo di farne lucro""</u>**

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. La Contrattazione – It-tehid tal-oggett
2. Dolosa – B' qerq
3. Di una Cosa – ta' xi oggett partikoli; fil-kaz odjern ix-xorb
4. Altrui – li jappartjeni ghal haddiehor
5. Fatto invite domino – minghajr il-kunsens tas-sid.
6. Con animo di farne lucro (animo lucrandi) – bl-intenzjoni l jaghmel qliegh mill-oggett misruq

Illi jirrizulta mill-atti li Matthew Dimech u Diandra Dimech jinsabu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni kif ikkonfermat mit-tnejn li huma. Matthew Dimech qed jghid li Diandra Dimech flimkien mal-appellant hadu xi xorb mill-lukanda li tappartjeni lil Matthew u Diandra Dimech. Matthew Dimech jghid ukoll li din il-kollezzjoni tax-xorb tappartjeni lilu biss stante li xtraha hu qabel iz-zwieg. Jghid li tikkonsisti fost ohrajn fi tletin flixkun whiskey. Hu prezenta tlett invoices li jghajjtu lil *Café du Brazil,* tnejn datati s-sena 2009 u ohra datata 2012 sabiex japprova li dan ix-xorb jappartjeni lilu biss sa minn qabel iz-zwieg. Madankollu, kif jirrizulta minn Dok MD6 l-invoices esbiti zgur ma jixhdux tletin flixkun whiskey u xorb oltre. Min-naha l-ohra Diandra Dimech issostni li tali xorb mertu ta' dawn il-proceduri jappartjeni kemm lilha u kemm lill-parti leza Matthew Dimech.  Filwaqt li dan tal-ahhar qed isostni li l-appellant u Diandra Dimech hadulu dan ix-xorb, l-appellant qieghed isostni illi hu caqlaq ix-xorb u dawwar il-cameras fuq ordni ta' Diandra Dimech biss, ghax hu jahdem fil-lukanda u din tal-ahhar kienet hadet ix-xorb ghand ommha sakemm isir xi

[16] Deciza nhar id-19 ta' Frar, 2014 per Onor. Imhallef M. Mallia.

xoghol ta' manutenzjoni. L-appellant isostni li x-xorb gie ritornat f'postu izda l-parti leza jghid li hu ma jaf xejn peress li Diandra Dimech kienet biddlet is-sallatura tal-lukanda. PS 1576 xehed illi mar fuq il-post wara li allegatament xorb gie rritornat lura f'postu u meta hu ttawal minn bejn l-injam ra xi xorb stivat pulit, madankollu ma jafx ezatt x'tip ta'xorb kien hemm u kemm kien hemm bhala ammont stante li dawn kienu jinsabu madwar sular l-isfel gewwa bir.

Illi minghar ebda dubju, il-Qorti hija rinfaccata b'verzjonijiet kunflingenti. Ghaldaqstant jehtieg li tgharbel u tizen ix-xhieda kollha u tara dak li l-aktar li huwa attendibbli. Il-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija l**il hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni**. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat **'beyond reasonable doubt**,' kif gie deciz fil-kawza **Il-Pulizija vs Bugeja**, tas-26 ta' Marzu, 1987. Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, **tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`,** jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi **dubju ragonevoli**, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-kaz odjern din il-Qorti temmen illi l-elementi tar-reat tas-serq imsemmija *supra* ma gewx ippruvati *beyond any reasonable doubt* u dan stante illi ghalkemm huwa minnu li x-xorb li jappartjeni lil haddiehor gie mehud minn postu u anke minghajr il-permess tal-parti leza, din il-Qorti ma temminx li dan sar b'gherq mill-appellant jew sabiex dan tal-ahhar jaghmel xi tip ta' gwadan jew qliegh.

In vista tas-suespost, din il-Qorti qedgha tilqa' l-appell tal-appellant Roderick Brincat, u ghalhekk qedgha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn illiberat lill-appellant

mill-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu u tirriformaha fejn sabitu hati tat-tieni akkuza u tilliberah minn kull htija u piena.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**